MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 802/1987/2

**Dottor Carmelo, Philip, Michael u Jessie xebba ahwa Vella**

**v.**

**Is-Segretarju tad-Djar; Leonard Muscat u Remig Sacco bhala President u Segretarju rispettivament tal-Kazin tal-Banda San Leonardo ta' Hal-Kirkop, u b'digriet**
**tat-13 ta' Jannar 2009 tnehhew il-kliem "Leonard Muscat u Remig Sacco bhala President u Segretarju rispettivament tal-"**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Ottubru, 1987 l-atturi ppremettew illi huma l-proprjetarji ta' zewg postijiet adjacenti cioe` 14, Kirkop Square, Kirkop u 18, Saint John's Alley, Kirkop; illi fit-13 ta' Dicembru, 1955 permezz ta' Requisition Order Nru 14349A, il-fond 14, Kirkop Square, Kirkop gie allokat lill-Kazin tal-Banda San Leonardo ta' Hal-Kirkop; ghall-fond isir hlas ta' kera jew kumpens ta' Lm30 fis-sena, li ghaliha baqa' responsabbli d-Dipartiment tad-Djar, ghalkemm fil-fatt il-fond huwa uzat mis-Socjeta` Filarmonika fuq imsemmija; illi fit-30 ta' Dicembru, 1986, il-konvenut Segretarju tad-Djar hareg Requisition Order numru 29580 fuq il-fond 18 Saint John's Alley, Kirkop, li kien mikri lill-attur Dottor Carmelo Vella, u fis-16 ta' Marzu, 1987, alloka l-istess fond ghal darb'ohra lis-socjeta` filarmonika San Leonardu ta' Hal-Kirkop; illi s-socjeta` filarmonika fuq indikata hadet il-possess tal-fond bhala estensjoni tal-Kazin li gia` ghandha f'idejha u li terga' kien ittiehed mill-istess sidien, u ghamlet alterazzjonijiet strutturali estensivi li kissru l-karattru tal-fond kif kien qabel; illi barra minn dana l-istess socjeta` hadet il-pussess ukoll ta' gnien, strutturalment separat miz-zewg fondi, liema gnien kien fil-pussess minn dejjem tal-atturi, anki wara l-hrug tar-Requisition Order tal-1995, u ghal liema gnien l-atturi kellhom access kemm mill-14, Kirkop Square, Kirkop kif ukoll mill-fond recentement rekwisizzjonat cioe` 18, Saint John's Alley, Kirkop; illi fid-dawl tal-premess, kemm ir-requisition order kif ukoll l-attijiet li segwewha saru b'abbuz u bi ksur tal-provvedimenti tal-Housing Act, 1949, u dana ghas-segwenti ragunijiet:

(a) ir-requisition order tat-30 ta' Dicembru, 1986 numru 29580 harget bi ksur tal-artikolu 4(1) tal-Housing Act, 1949, ghaliex ma hargitx fl-interess pubbliku, izda biss biex jigi akkomodat kazin li diga` kellu kazin u ghaliex harget fuq persuna mejta;

(b) anki jekk ghall-grazzja tal-argument il-hrug tar-requisition order fuq imsemmi hu validu, it-tehid tal-gnien imur oltre l-poteri tas-Segretarju tad-Djar stante illi s-Segretarju tad-Djar ma jistax jirrekwisizzjona “Lands or gardens” (not) forming part or enclosed within the precints of houses and buildings”;

(c) fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz, l-esekuzzjoni tal-alterazzjonijiet strutturali fil-fond rekwisizzjonat da parti tal-konvenuti Leonard Muscat u Remig Sacco fil-kwalita` taghhom premessa, imorru oltre l-poteri tal-intimat Segretarju tad-Djar skond il-Housing Act, 1949 bhala l-persuna li ordnat ir-rekwisizzjoni ta’ l-istess fond kif ukoll tal-konvenuti l-ohra;

Illi nonostante illi l-atturi baghtu protest gudizzjarju fid-9 ta’ Settembru, 1987, l-ebda wiehed mill-konvenuti ma rrisponda.

Dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:

(1) tiddikjara illi r-requisition order numru 29580 mahruga fit-30 ta’ Dicembru, 1986 mill-konvenut Segretarju tad-Djar tikser l-artikolu 4 tal-Housing Act, 1949 u ghalhekk hija nulla u bla effett kif inhuma nulli u bla effetti l-attijiet kollha li segwew dik ir-requisition order;

(2) tordna ghalhekk lis-Segretarju tad-Djar sabiex jaghti lura l-possess tal-fond lill-atturi, u d-detenzjoni materjali lill-attur Dr. Carmelo Vella, u jekk hemm bzonn tordna lill-konvenuti Leonard Muscat u Remig Sacco sabiex immedjatament jirrilaxxjaw il-fond 18 Saint John’s Alley, Kirkop favur l-atturi;

(3) tiddikjara lill-konvenuti ‘in solidum’ responsabbli ghall-hsarat u danni kagonati di ksur tal-ligi fil-fond u gnien fuq imsemmija.

B’riserva ta’ kwalunkwe azzjoni ohra kompetenti lill-atturi skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fid-9 ta' Novembru, 1987 il-konvenuti Leonard Muscat u Remig Sacco eccepew;
"1. Illi d-decizjoni tas-Segretarju tad-Djar li johrog l-ordni tar-rekwizzjoni msemmija fic-citazzjoni temani mid-diskrezzjoni lilu moghtija mil-ligi u mhux sindakabbli minn din il-Qorti;

"2. Illi mhux minnu li l-gnien in kwistjoni ma jifformax parti mill-fond urban. Fil-fatt jifforma parti ntegrali mill-fond nru. 18 u ma ghandu l-ebda access indipendenti ghat-triq.

"3. Illi mhux minnu li l-eccipjenti noe ghamlu xi xoghol strutturali li bih znaturaw il-fond lilhom allokat u wisq inqas ikkagunaw xi danni fih. Huma ghamlu biss benefikati li jmorru a favur tas-sid.

"4. Illi ghalhekk it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

"Salvi eccezzjonijiet ohra."

B'nota ipprezentata fid-9 ta' Novembru, 1987 il-konvenut is-Segretarju tad-Djar eccepixxa:
"Illi preliminarjament din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni fil-kaz stante li jirrigwarda funzjoni pubblika a terminu tal-artikolu 742 (3) tal-Kap. 12.

"Illi fil-mertu l-agir tal-eccipjent huwa skond il-Housing Act. 1949 u bla ebda mod ma jikser il-ligi jew ikkaguna xi danni.

"Salvi eccezzjonijiet ohra."

B'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fid-9 ta' Ottubru, 1991 it-talbiet attrici gew michuda, biss b'sentenza ta' din il-Qorti (diversament komposta) tat-30 ta' Dicembru, 1993 is-sentenza msemmija giet riformata fis-sens illi laqghet l-ewwel zewg talbiet attrici u ordnat li l-kawza titkompla fir-rigward tat-tielet talba.

Din il-Qorti (ukoll diversament komposta) b'sentenza moghtija fil-31 ta' Mejju, 2005 cahdet it-talba biex il-kawza fir-rigward ta' l-ewwel zewg talbiet tigi mismugha mill-gdid, ossia tigi ritrattata.

**Is-sentenza tas-16 ta' Ottubru, 2006 dwar it-tielet talba attrici.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet finalment minn din il-vertenza u relattivament dwar it-tielet talba fejn kien qed jintalab li l-konvenuti jigu dikjarati "in solidum" responsabbli ghall-hsarat u danni kagunati bi ksur tal-ligi fil-fond u gnien fuq imsemmija, b'sentenza tas-16 ta' Ottubru, 2006 li pprovdiet bil-mod segwenti:
"Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' wkoll it-tielet talba u dan billi tiddikjara lill-konvenut Segretarju tad-djar responsabbli ghal kwart u l-kazin tal-banda konvenut responsabbli ghal tlett kwarti tad-danni subiti mill-atturi fil-fond numru 18, St. John's Alley, Kirkop u l-gnien retrostanti. L-ispejjez hlief dawk gia` decizi mill-Qorti ta' l-Appell ghandhom jithallsu mill-konvenuti kazin tal-banda izda s-Segretarju tad-Djar ghandu jhallas l-ispejjez tieghu."

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Il-perit tekniku li gie nominat biex jirrelata dwar it-tielet talba, l-AIC David Pace, iddikjara a fol 198 tal-process illi ma kienx car ghalih jekk l-atturi "humiex jitolbu r-rimedji ghall-hsarat u tibdil fil-karatteristika tal-post in kwantu ghall-fond numru 18 u l-gnien biss inkella humiex qed jinkludu l-fond numru 13, Pjazza Hal Kirkop fit-talbiet taghhom." Ghalhekk huwa rrelata dwar kull korp tal-bini in kwistjoni.

"Il-Qorti tirrileva li t-talbiet tal-atturi huma kollha rigwardanti l-Ordni ta' Rekwisizzjoni msemmija fic-citazzjoni u cioe` dik tat-30 ta' Dicembru, 1986. F'dik l-ordni gie rekwisizzjonat il-fond 18, St. John's Alley li kellu access ghall-gnien li kien accessibbli wkoll mill-fond l-iehor numru 14, Kirkop Square li kien gia` gie rekwisizzjonat fl-1955 u li dwaru ma hemm ebda vertenza.

Ghalhekk certament dan ma jidhol xejn fil-kawza.  Il-gnien pero` gie wkoll assimilat wara li saret it-tieni ordni u ghalhekk din il-Qorti trid tiddeciedi biss dwar il-fond numru 18, St.  John’s Alley, Kirkop u l-gnien retrostanti.  Dan ghaliex is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell iddikjarat nulla din l-ordni ta’ rekwisizzjoni u l-gnien ukoll kien kopert minn din l-ordni.

“Fl-istess relazzjoni l-espert ikkonkluda illi fir-rigward tal-fond imsemmi numru 18, St.  John’s Alley, Kirkop, “Ghalkemm gie ppruvat illi l-kazin tal-banda wettqu xoghlijiet strutturali hawnhekk ukoll dawn ma kinux ta’ natura sostanzjali bizzejjed biex nehha l-karattru ta’ dan il-fond.  Jidher li l-fond kien ta’ importanza inqas f’dik li hija tqassim ta’ pjanifikazzjoni u ta’ disinn arkittettoniku, pero`, sar certament tibdil strutturali f’dan il-fond u dan sar la bil-permess jew awtorizzazzjoni ta’ l-awtoritajiet koncernati u wisq anqas bil-permess jew konsapevolezza ta’ sidien il-kera.”

“Dwar il-gnien l-espert qal illi ghalkemm skond ix-xhieda prodotti mill-konvenuti dan kien zdingat meta gew fil-pussess tieghu, “Jibqa’ l-fatt illi l-gnien tnehha mill-karattur tieghu totalment u sabiex jakkomoda l-esigenzi tal-kazin illi kellhom bzonn bitha gie miksi kollu bil-konkos u sar bitha.  Certament dan biddel ghal kollox in-natura ta’ dina l-arja u huwa ghal xejn illi wiehed jghid li l-pilastri kienu mherrija.  It-tibdil fil-karattru kienet wahda netta.”

“Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-atturi ppruvaw bil-perizja teknika li l-konvenuti rapprezentanti tal-kazin imsemmi ghamlu xoghlijiet strutturali u dan minnu nnifsu kkawza danni kif del resto jikkostitwixxi danni l-fatt li l-atturi gew spossessati llegalment mill-proprjeta’ taghhom fuq imsemmija.  Kif jidher mit-talba attrici f’din il-kawza qed tintalab biss dikjarazzjoni ta’ responsabilita` u mhux likwidazzjoni ta’ dawn id-danni li evidentement ghandha ssir permezz ta’ gudizzju separat.

“Kwantu ghat-talba ta’ solidarjeta` fil-kundanna din ma tidhirx li legalment hija sostenibbli; hu maghrufa illi s-solidarjeta` ma hijiex presunta fil-kamp civili u trid tirrizulta

mil-ligi. F'dan il-kaz ma tirrizultax. Il-perit tekniku, minhabba li x-xoghol sar mill-kazin minghajr ma gie avzat jew konsultat id-dipartement tad-djar ikkonkluda li huwa biss l-kazin li ghandu jigi tenut responsabbli. Il-Qorti ma taqbilx ghaliex ma hemmx dubbju li l-konvenut Segretarju tad-Djar kien responsabbli biex il-pussess ghadda f'idejn il-kazin u ghalhekk skond il-Kodici Civili kien hemm kontibutorjeta` da parti tieghu. Ghal dan il-ghan il-Qorti se tiddikjarah responsabbli kwantu ghal kwart tad-danni."

**L-appelli interposti.**

Mis-sentenza fuq riportata appella b'mod principali l-Kazin tal-Banda San Leonardo ta' Hal-Kirkop, u b'mod incidentali appellaw l-atturi.

B'rikorsipprezentat fit-3 ta' Novembru, 2006 il-Kazin tal-Banda San Leonardo talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza imsemmija u dana billi tichad it-tielet talba attrici hekk kif dedotta u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti appellanti u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi appellanti.

Id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali ppezenta risposta ghall-appell intavolat mill-Kazin tal-Banda fejn. Filwaqt li rrespinga bil-qawwa s-sottomissjoni tal-istess kazin li l-istess Direttur kellu jinsab responsabbli ghad-danni reklamati billi, skond l-istess appellanti, l-istess Direttur kien hareg ir-Requisition Order b'mod zbaljat u li wkoll din il-Qorti ghandha tiddikjara r-responsabbilita` in solidum tal-konvenuti, minghajr ma intavola appell incidentali, b'mod kurjuz, fit-talba tieghu donnu jistrieh fuq it-talba tal-istess Kazin tal-Banda billi ddikjara li qed "*jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti in kwantu, kif wiehed ghandu ragionevolment jifhem, din il-Qorti qed tigi mitluba mill-appellanti sabiex tichad it-tielet talba attrici fis-sens li ghandha tikkonkludi li hadd mill-partijiet m'hu responsabbli ghal xi danni versu l-atturi,*". F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li gialadarba d-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali ma interpona ebda appell mis-sentenza msemmija, isegwi li dik is-sentenza, inkwantu sabitu responsabbli fi proporzjon ta' kwart mid-

danni sofferti lill-atturi u kkundannatu jhallas l-ispejjez tieghu, illum ghaddiet in gudikat.

L-atturi pprezentaw risposta ghall-appell intavolat mill-Kazin tal-Banda fejn talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi michud; biss huma <u>pprezentaw ukoll appell incidentali</u> fejn talbu li s-sentenza appellata "*tigi riformata fis-sens biss li waqt li tikkonferma li l-konvenuti kienu responsabbli ghall-hsara kkawzata lill-atturi, issibhom responsabbli solidarjament ghall-hsara kollha minnhom sofferta u ma tirripartix ir-responsabbilita` ghal dik il-hsara bejn il-konvenuti kif ghamlet, u fi kwalsiasi kaz jekk tvarja dik il-proporzjon tvarja b'mod li l-konvenuti bejniethom jibqghu responsabbli ghall-hsara kollha sofferta mill-atturi. Bl-ispejjez.*"

**L-aggravji tal-Kazin tal-Banda San Leonardo.**

L-aggravji mressaq mill-Kazin tal-Banda jikkoncernaw:
a) ir-responsabbilita` ghad-danni
b) il-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku.

**Dwar ir-responsabbilita` ghad-danni.**

Dwar dan l-aspett tal-kwistjoni qed jigi sottomess illi "*jekk jinstab xi tip ta' responsabbilita` ghad-danni dan ghandu jerfghu kollu s-Segretarju tad-Djar u mhux il-konvenuti appellanti.*" In sostenn ta' din is-sottomissjoni qed jinghad li "*s-Segretarju tad-Djar hareg ir-Requisition Order b'mod zbaljat*" kif gie ritenut precedentement minn din il-Qorti; cioe` mill-Qorti ta' l-Appell, u konsegwentement, billi huma kienu biss il-beneficjarji tar-Requisition Order u ma kisru ebda ligi, huma ma ghandhomx jinsabu responsabbli.

F'dan ir-rigward jigi rilevat fl-ewwel lok li l-ewwel Qorti sabet responsabbilita` fis-Segretarju tad-Djar (llum Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali) u dana minhabba l-fatt li huwa kien ghadda l-pussess tal-ambjenti in kwistjoni f'idejn il-kazin, u minhabba f'hekk sabet li kien hemm kontributorjeta`; biss dik il-Qorti korrettement ma setghetx ssib lill-istess Segretarju responsabbli ghad-danni kagunati minhabba xoghlijiet li saru mill-istess Kazin

minghajr il-konsapevolezza tieghu u shansitra minghajr il-kunsens jew awtorizzazzjoni tas-sidien. Mir-relazzjoni teknika rrizulta li l-Kazin tal-Banda kien ghamel tibdil strutturali fil-fond 18, St. John's Alley, Kirkop liema xoghol, ghalkemm ma kienx "*ta' natura sostanzjali bizzejjed biex nehha l-karattru ta' dan il-fond*" certament dan sar la bil-permess jew awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet koncernati u wisq anqas bil-permess jew konsapevolezza ta' sidien il-kera. Filwaqt li fir-rigward tax-xoghol li sar fil-gnien, dejjem mill-istess Kazin tal-Banda, "*dan biddel ghal kollox in-natura ta' dina l-arja……… it-tibdil fil-karattru* [jkompli l-espert] *kienet wahda netta.*" Din il-Qorti hija tal-fehma li kull persuna ghandha tirrispondi ghall-eghmil taghha u ghalhekk ma tistax tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellanti Kazin tal-Banda fis-sens fuq riportat billi huwa l-kazin li ghandu jirrispondi ghal dak li ghamel huwa stess u huwa kontro-sens li d-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali jigi ritenut responsabbli ghad-danni meta la kienu huwa li ghamel ix-xoghlijiet lamentati u lanqas ma ta l-kunsens ghall-istess.

Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**Dwar il-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku.**

Qed jigi sottomess mill-appellanti li x-xoghlijiet ezegwiti mill-Kazin tal-Banda kienu mehtiega jew minhabba l-istat delapidat tal-fond rekwizizzjonat u tal-gnien fejn saru l-istess xoghlijiet jew sahansitra minhabba "*l-esigenzi tal-uzu li seta' jaghmel il-Kazin minn dan il-gnien.*"

Dwar ix-xoghlijiet li saru fil-fond insibu li l-istess espert tekniku kkonkluda li dawn ma kienux tali "*sabiex jista' jinghad li nbidel il-karattru tal-istess fond.*" Din l-affermazzjoni certament ser tigi kunsidrata fil-proceduri appoziti li jistghu jittiehdu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni u ghalhekk mhux kompitu ta' din il-Qorti li telabora aktar f'dan ir-rigward, hlief li jinghad li l-inkwilin mhux intitolat jaghmel xogholjiet fil-fond lokat lilu minghajr il-kunsens jew konsapevolezza tas-sid il-kera eccetto meta dawn l-istess xoghlijiet ikun ta' natura urgenti u ma jippermetux dewmien.

Ghar-rigward tax-xoghlijiet fil-gnien, kif sewwa rrileva l-espert tekniku, "*Il-gnien tnehha mill-karattru tieghu totalment u sabiex jakkomoda l-esigenzi tal-kazin illi kellhom bzonn bitha gie miksi kollu bil-konkos u sar bitha.*" "*Certament,*" kompla l-stess espert "*dan biddel ghal kollox in-natura ta' dina l-arja u huwa ghal xejn illi wiehed jghid li l-pilaastri kienu mherrija. It-tibdil fil-karattru kienet wahda netta.*" Din il-Qorti tikkondividi din il-konkluzzjoni billi l-esigenzi tal-inkwilin, li del resto rrizulta kien qieghed jokkupa l-fond u l-gnien abbusivament, qatt ma jistghu jkunu raguni valida biex minn jokkupa fond, anke b'titolu ta' kera, jibiddel in-natura tal-fond fil-pussess tieghu. Dan l-aggravju ghalhekk jirrizulta manifestament infondat.

**Ikkunsidrat:**

Kif gia` rajna l-atturi appellati, flimkien mar-risposta taghhom ghar-rikors ta' l-appell tal-Kazin tal-Banda, intavolaw appell incidentali fejn qed jigi sottomess:-
a) li jekk ghandu jkun hemm varjazzjoni fir-responsabbilita` tal-konvenuti dina ghandha issir b'mod li bejniethom jibqghu responsabbli ghat-totalita` tad-danni sofferti mill-atturi. Dan l-aggravju ghalkemm gustifikat mhux mehtieg li jigi kunsidrat oltre u dan in vista ta' dak li inghad fuq dwar il-fatt li s-sentenza fil-konfront tad-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali ghaddiet in gudikat u in vista wkoll ghall-fatt li l-appell tal-konvenut Kazin tal-Banda ser jigi michud stante li l-aggravji mhux gustifikati.

b) It-tieni aggravju jikkoncerna l-fatt li l-ewwel Qorti rriteniet li ma kienx hemm solidarjeta` bejn il-konvenut ghad-danni sofferti mill-atturi.

Dwar it-tieni aggravju l-appellanti jistriehu fuq l-Artikoli 1049 u 1050 u jissottomettu li "*Taht iz-zewg artikoli r-responsabbilita` kienet solidali taz-zewg partijiet. Infatti l-artikolu 1049 jikkontempla r-responsabbilita` solidali fil-kaz ta' hsara kkawzata dolosament, issa fil-kaz prezenti r-responsabbilita` ghall-hsara twieldet mill-ksur tal-ligi u mit-tehid tal-proprjeta` mill-pussess tal-atturi minghajr dritt u bi vjolazzjoni tal-ligi; dan jimplika* [jikkontendu l-atturi]

*necessarjament id-dolo u jgib is-solidarjeta`. Inoltre anke fl-assenza ta' dolo huwa impossibbli li wiehed jattribwxxi liema parti kienet responsabbli ghall-liema dannu u ghalhekk f'dan il-kaz jopera l-artikolu 1050 billi z-zewg partijiet kienu responsabbli ghad-dannu kollu, u certament kien responsabbli d-direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali li ha l-pussess tal-fond tal-atturi kontra l-ligi, alloka l-istess fond lill-Kazin tal-Banda, u ppermetta li l-istess Kazin li jaghmlu dawk ix-xogholjiet li b'risultat taghhom garrab id-dannu is-sid. Ghalhekk anke fl-ipotesi li wiehed jeskludi d-dolo hemm is-solidarjeta` bejn il-konvenuti.*"

L-ewwel Qorti fis-sentenza appellata sabet responsabbilita` fid-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali u attribwitlu kwart mir-responsabbilita` ghad-danni reklamati billi huwa kien "*responsabbli biex il-pussess ghadda f'idejn il-kazin u ghalhekk skond il-Kodici Civili kien hemm kontributorjeta da parti tieghu.*" Skond l-atturi dan l-agir tad-Direttur jammonta ghal *dolo* li jwassal ghas-solidarjeta` tal-konveuti kollha. Biss, minn qari tas-sentenzi precedenti li jikkoncernaw dan il-kaz u senjatament dik tad-9 ta' Ottubru, 1991 moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u dik tat-30 ta' Dicembru, 1993 ppronunzjata minn din il-Qorti kif dak inhar komposta, li rriformat s-sentenza tal-Prim Awla inkwantu laqghat l-ewwel u t-tieni talba ta' l-atturi, jidher li d-dritt tad-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali li johrog ordni ta' rekwizizzjoni u li jalloka l-fond rekwizizzjonat lill-Kazin tal-Banda kien dibattut hafna billi hemm gie puntwalizzat sew l-element tal-"Interess Pubbliku" ghal skopijiet ta' Ordni ta' Rekwizizzjoni, kif ukoll id-diskrezzjoni tal-istess Direttur fl-agir tieghu fir-rigward. Infatti din l-Qorti, kif dak inhar komposta, marret kontra dak li kien gie ritenut fis-sentenza, wkoll moghtija minn din il-Qorti fl-20 ta' Jannar, 1980 fil-kawza fl-ismijiet "A. Galea vs Onorevoli Dr. P. Holland ne et" billi, ghal kaz in ezami, rriteniet li "*L-interess huwa dejjem privat meta m'ghandhux applikazzjoni ghal generalita` tac-cittadin, tal-universalita` tal-pubbliku fl-istat.*" U kompliet hekk: "*Ir-ragunament fis-sentenza Galea vs Holland huwa fallaci ghaliex l-uzu ta' fond ghall-skopijiet kulturali, jista' jkun maghmul fl-interess pubbliku jekk l-attivita` kulturali tkun maghmula minn*

*awtorita` pubbblika u mhux meta tkun maghmula minn persuna jew assocjazzjoni privata, billi l-uzu, fl-ewwel lok, huwa fl-interess ta' dik il-persuna jew assocjazzjoni. Il-possibilita` ta' access tal-pubbliku ghal dik l-attivita` ma tittrasformahiex b'daqshekk, minn attivita` li hija intrinsikament privata f'attivita` intrinsikament pubbblika.*"

Jidher ghalhekk li meta d-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali ta' l-pussess lill-Kazin tal-Banda, ma kellu ebda intenzjoni li jikser xi ligi, element dan necessarju biex jirrizulta d-dolo kif reklamat mill-atturi appellanti. F'dan is-sens ghalhekk ir-riferenza ghall-artikolu 1049 u l-konsegwenzi tieghu ma jsib ebda applikazzjoni ghall-kaz odjern.

Ghar-rigward tal-applikazzjoni ta' l-artikolu 1050 jigi osservat li s-solidarjeta` bejn id-danneggjanti kontemplata f'dan l-artikolu, hija limitata ghal meta jirrizulta li "*il-bicca tal-hsara li kull wiehed ikun ikkaguna ma tkunx tista' tigi stabblita*" biss fil-kaz in ezami jidher li l-ewwel Qorti, kif kellha kull dritt u minghajr tlaqliq, apporzjonat din ir-responsabbilita` bejn il-konvenuti b'mod li kull wiehed ghandu jbati ghas-sehem tieghu fl-akkadut. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba din id-decizjoni u konsegwentement hija tal-fehma li dan l-aggravju wkoll mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qeghda tichad l-appell principali interpost mill-Kazin tal-Banda ta' San Leonard, kif ukoll qeghda tichad l-appell incidentali pprezentat mill-atturi appellati, u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez tal-appell principali (inkluzi l-ispejjez tad-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali) ghandhom jithallsu mill-Kazin appellant; l-ispejjez tal-appell incidentali jithallsu mill-atturi appellati solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------